MINUTI

# Laqgħa Annwali tal-Lokalita’ Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru LAL/02/2023

Il-Ħamis 14 ta’ Diċembru 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar laqqa’ lill-pubbliku għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita’ fl-fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ‘Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè’ Aquilina, Il-Munxar Għawdex’ nhar il-Ħamis 14 ta’ Diċembru 2023 fil-5.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

ATTENDENZA MILL-PUBBLIKU: 6

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa setgħu jieħdu sehem r-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar reġistru elettorali tal-Munxar, li dawn ġew innotifikati permezz ta' avviż li tqassam f'kull residenza.

### 2.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti;

2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-aħħar laqgħa pubblika bin-numru LAL/01/2023 u dawn ġew approvati minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;

2.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lil dawk preżenti dwar ix-xogħol li twettaq mill-Kunsill Lokali matul is-sena 2023 fejn elenka l-proġetti infrastrutturali, ix-xogħol fil-qasam soċjo-kulturali u dak amministrattiv.
Dwar il-proġetti infrastrutturali li saru matul is-sena 2023, is-Sindku semma fost oħrajn, il-proġett ta' tisbieħ fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, il-proġett ta' bini mill-ġdid tal-*belvedere* fi Triq L-Isqawi, ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi, kif ukoll l-investiment fi Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina.
Dwar il-qasam soċjo-kulturali, is-Sindku semma diversi inizjattivi li ħa l-Kunsill waqt is-sena 2023, uħud b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita, fosthom l-attivita' 'Xlendi Sunset Festival', il-programm tas-Sajf 'I Love Xlendi', it-tieni edizzjoni tal-'Fireworks and Gastronomy Fesitval', il-programm fi żmien il-Milied 'A December to Remeber', Il-Karnival fil-Munxar, it-tberik tal-Annimali u diversi ħarġiet kulturali għall-anzjani u r-residenti tal-lokalita'.

2.2.2 Is-Sindku għarraf ukoll uħud mill-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena li ġejja, fosthom proġetti oħrajn infrastrutturali bħal ir-riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, dwal dekorattiv ġodda f'inħawi

fix-Xlendi, *railing* ġdid fi Triq San Xmun u sistemi ta' CCTV madwar il-lokalita'.

## 2.3 Suġġerimenti mill-Pubbliku Preżenti;

2.3.1 Ir-residenti preżenti, filwaqt li faħħru lill-Kunsill tax-xogħol li qed jagħmel, ressqu xi suġġerimenti tagħhom rigward il-Bajja tax-Xlendi fosthom sabiex tiġi nstallata bus shelter ġdida fi Triq il-Qsajjem, jiġi nstallat dawl dekorattiv fi Triq il-Qsajjem k/ma Triq San Xmun, il-problema ta' sewqan eċċessiv, kif ukoll xogħol ta' tisbieħ fi Pjazza Anfori. Ma' dawn kien hemm ukoll suġġerimenti li jirrigwardjaw il-Munxar fosthom miżuri tat-traffiku fi Triq il-Madonna tal-Karmnu.

## 2.4 Estimi Finanzjarji 2024;

2.4.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lil dawk preżenti li ser tkun qed tittieħed nota tas-suġġerimenti tar-residenti sabiex flimkien mal-pjan li għandu l-Kunsill għas-sena 2024 jiġu riflessi fl-estimi finanzjarji għas-sena 2024 li ser ikun qed japprova l-Kunsill fil-laqgħa li jmiss tiegħu.

## 2.5 Tmiem il-laqgħa.

2.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |